MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 728/2006

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**Vs**

**Meat'n Spice Ltd. (C13858)**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz prezentat fit-2 ta' Awissu, 2006 in forza ta' liema ntalab illi s-s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha lill-istess assocjazzjoni is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira (Lm295.00) rapprezentanti in kontribuzzjoni dovuta minnha ghas-sena 2005 ai termini tal-istatut ta' l-istess assocjazzjoni.

Ra illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Victor Axiaq in rapprezentanza ta’ l-istess socjeta` li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba tal-assocjazzjoni attrici u konsegwentament jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u hamsa u disghin lira(Lm295.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------